Organu tal-'Malta Police Association'
Ippubblikat minn
Associated News (M) Ltd.
Stampat mill-Penprint Ltd.
Editur — Michael Marshall

# IL-PULIZIJA

# L-Akbar Party ghat-tfal Tal-Pulizija

FID-19 ta' Dicembru, 1979 f'Dar il-Mediterran gie organizzat l-akbar party ghat-tfal tal-membri tal-Kcrp tal-Pulizija meta madwar 750 tifel u tifla ta' eta bejn l-4 u 12 il-sena ingabru fir-restorant ta' dan il-post u qattghu l-isbah tlett sighat f'atmosfera mill-isbah.

Ghal party ta' din ix-xorta kienu mehtiega preparamenti kbar u min hafna zmien qabel. Bizzejjed nghidu li fis-7 ta' Mejju, 1979 harget cirkolari fejn gew mitluba l-ismijiet u l-etajiet tat-tfal tal-membri tal-Korp ta' mhux aktar min tnax il-sena sa l-ahhar ta' Dicembru 1979. Kif jigri dejjem kien hemm hafna li hallew ghall-ahhar u sa l-ahhar granet baqghu hergin il-biljetti ghal dan il-party.

Fl-imsemmija cirkolari ma ssemmietx l-eta minima tat-tfal u l-eta ta' erba' snin giet iffissata wara, mill-Kumitat. Dwar l-eta saru bosta kummenti b'mod specjali minn dawk li kellhom it-tfal taht din l-eta. Dwar il-kritika li saret ahna wegibna fl-editorjal tax-xahar l-iehor u ghal darb'ohra nergghu ntennu li tfal ta' anqas min 4 snin ma joqghodux wehedhom f'party tax-xorta taghna u barra milli ma jiehdux pjacir, dawn itelfu l-gost lil-haddiehor.

Kif inghad qabel, in-numru ta' tfal li attendew ghall-party kien ta' madwar 750. Kienet verament bicca xoghol kbira ghall-organizzaturi biex provdew l-imwejjed u siggijiet ghal dan in-numru ta' tfal ghaliex hafna minn dawn l-imwejjed u siggijiet kellhom jingiebu minn diversi postijiet u kieku mhux ghax kienet l-ghajnuna ta' xi rekluti li kienu ghadhom kif ingaggaw fil-Korp, kieku ma kienx ikun possibbli li tpoggi lil kulhadd bil-qieghda madwar l-imwejjed. Attivita bhal din tinhtieg hafna xoghol u dan dejjem ghamilnieh bi ftit nies.

Il-party beda b'wiri ta' films ghal madwar 25 minuta. Wara t-tfal ittiehdu f'parti ohra tas-sala mhejjija ghalihom fejn fuq l-imwejjed sabu ikel u xorb.



Il-Kummissarju mat-tfal.

## EDITORJAL

### XEWQA MAQTUHA?

Ghal aktar min ghoxrin sena ilha tissemma l-htiega ta' Klabb tal-Pulizija, izda dan dejjem baqa' fl-imaginazzjoni ta' hafna mhuh ghalkemm jinghad li darba din ix-xewqa kienet se ssehh meta kien instab post fic-centru tal-Belt. Dan kien madwar ghoxrin sena ilu.

Wara hafna snin dan il-hsieb intesa u hadd ma baqa' jitkellem fuqhu sakemm regghet twaqqfet l-Assocjazzjoni tal-Pulizija fl-1976 u ghal darb'ohra regghet bdiet il-hidma biex jinkiseb dan il-post. Saru anke talbiet lill-awtoritajiet ghal post fil-Furjana u iehor fil-Belt, izda dejjem kellna rizultati negativi. Ghalkemm l-isperanzi ghal xi post naqsu, izda l-moral ma naqasx u mal-hatra ta' Dr. J. Brincat bhala Ministru tal-Gustizzja u Artijiet, l-isperanzi kibru ghaliex konna certi li dan jifhimna forsi aktar minn haddiehor, u hekk kien. Ftit granet wara l-hatra tieghu bhala Ministru, l-Assocjazzjoni tal-Pulizija wrietu x-xewqa u l-iskop ta' Klabb tal-Pulizija u bi pjacir inhabbru li dan mhux biss qabel max-xewqa taghna izda anke offrilna l-ewwel post, ghalkemm dan ma giex akkwistat.

Kien is-26 ta' Dicembru, 1979 waqt il-ballu tal-Pulizija meta l-Onor. Dr. Brincat habbar li kien lest jaghtina post fic-centru tal-Belt biex isservi bhala Klabb tal-Puizija. Sakemm kien ghadu qed jithejja dan il-magazine kien ghadu ma gie xejn iffinalizzat ghalkemm dhalna u rajna dan il-post.

Wiehed tajjeb isemmi li minbarra l-hidma ta' membri tal-Assocjazzjoni kien hemm ukoll koperazzjoni u ghajnuna mid-dirigenti tal-Korp li minghajr l-ghajnuna taghhom ma konniex naslu sa fejn wasalna. Insemmu wkoll l-ghajnuna li taw xi ex membri tal-Korp ghaliex dawn ukoll dejjem xtaqu li jigi akkwistat dan il-post fejn huma wkoll ikunu jistghu jippartecipaw f'dak li norganizzaw ahna.

J'Alla kollox jirnexxi biex inkunu nistghu nghidu li sehhet din il-holma.



# Small outside. Big inside.

Everybody's raving about the Toyota STARLET, the small little car with the great big interior: four adults and their luggage in total comfort.

They rave about how miserly it is with fuel too. And about the unbelievable comfort and handling.

You get the good looks and aerodynamic efficiency of unique AEROBOX styling. And you get world-renowned Toyota quality.

Test-drive our small little big car – Toyota STARLET – at your Toyota dealer today. It's great.




**THE HAPPY ECONOMIZER**

# TOYOTA STARLET

**TOYOTA**

**MICHAEL DEBONO** ***ZEBBUG TEL: 647423***

*Attendenza tal-genituri tat-tfal*

Bla tlaqliq nghidu li xi whud mill-genituri li kienu prezenti ma obdewx l-ordinijiet tal-organizzaturi u tabilfors riedu jidhlu fejn kien hemm it-tfal, min ghal raguni u min ghal ohra. Dan avolja ghamilnieh car, permezz ta' cirkolari fejn ghidna li l-kbar ma kienux se jithallew mat-tfal u li se jkun hemm post ghal kbar fejn dawn jistghu joqghodu jistennew sakemm jispicca l-party. Kienu hafna dawk li kkoperaw, izda l-ftit li ma ghamlux dan telfuna hafna hin.



*Rigali lit-tfal*

It-tfal kollha prezenti nghataw rigal skond l-etajiet taghhom, jigifieri dawk ta' eta ta' bejn l-4 u 6 snin, dawk ta' bejn is-7 u 9 snin u dawk ta' bejn l-10 u 12 il-sena hadu kollha l-istess. Dan ghamilnieh ghal zewg ragunijiet, l-ewwel biex zgur li ma jkunx hemm dgergir u biex inhaffu waqt li nkunu naghtu r-rigali.

Waqt it-tqassim tar-rigali kien hemm daqsxejn ta konfuzjoni, mhux mit-tfal, izda mill-genituri u jiddispjacina nghidu li xi genituri ma kkooperawx mal-organizzaturi u qaghdu madwar dawk li bdew iqassmu r-rigali. Dan tellef hafna hin lill-organizzaturi.

Kollox ma kollox dan il-party kien veru success u l-atmosfera li kien hemm kienet wahda mill-isbah. Il-Kummissarju tal-Pulizija attenda ghal ftit hin minhabba impenji ohra, izda Mrs. Cachia baqghet tkompli maghna sa l-ahhar. Ta' min isemmi wkoll li waqt il-party kien hemm daqq mill-Jazz Band taghna u kant mill-kantant Tony Gauci. Sar ukoll show mill-buzullottista Charles Tahir.

# PARTY GHAT-TFAL F'GHAWDEX

Il-party ghat-tfal tal-membri tal-Korp stazzjonati Ghawdex sar nhar is-Sibt, 29 ta' Dicembru, 1979 fl-Oratorju Don Bosco, Vittoria, fejn attendew madwar 85 tifel u tifla.

Ghal din l-okkazjoni telghu rapprezentanti tal-Assocjazzjoni minn Malta dak in-nhar tal-party u hadu maghhom ir-rigali. Hawnhekk ta' min irodd hajr il-crew ta' wahda mill-patrol boats tal-Forzi Armati ta' Malta, b'mod specjali tal-master, il-kapural Cassar li huwa t-tifel tal-ex spettur tal-Pulizija, A. Cassar, tal-ghajnuna u koperazzjoni u kieku mhux ghax kienet l-ghajnuna tieghu kieku t-tfal kienu jibqghu diappuntati minhabba li ma kienx ikun possibli li ntellghu r-rigali. Dan kollu gara minhabba l-maltemp u l-vapuri li soltu jiehdu l-passiggieri bejn Malta u Ghawdex ma hadmux minhabba l-maltemp.

Il-party tat-tfal beda ghal habta tal-5.30 p.m. b'wiri ta' film u wara nghata ikel u xorb lit-tfal. L-Onor. Dr. J. Brincat, Ministru tal-Gustizzja nzerta kien Ghawdex dak in-nhar u dan gentilment laqgha lis-stedina u mhux biss gie l-party, izda qassam ukoll ir-rigali lit-tfal. L-atmosfera waqt dan il-party ma setghetx tkun bhal dik li kienet Malta ghal diversi ragunijiet, izda xorta wahda t-tfal hadu pjacir. Min jaf kieku xi darba dawn it-tfal Ghawdxin jattendu xi attivita organizzata Malta?



It-tfal waqt il-party.


A Cheque Book
makes it so much
easier.
Bank of Valletta
Limited, Malta
Branches throughout Malta and Gozo
The Bank next door.

# ID-DROGI F'MALTA.

MINN L.J. Spiteri, M.D., B.Sc. D.Bact. (Manch), Ph.C. D.T.M.H. (L'Pool), F.R.C. Path (Lond).

**Il-Haxixa — Cannabis Sativa**

L-AKTAR droga li qed tigi abbuzata f'Malta hija minghajr dubju ta' xejn *Il-Haxixa* jew *Cannabis* u ma jezisti ebda dubju fuq dan, ghaliex kemm f'Ghawdex u kemm f'Malta l-Pulizija rnexxiela ssib nies li qed jikkoltivaw din il-pjanta. Biex aktar l-affari tkompli tithawwad, illum qed nisimghu anke xi xjenzati li jithajru jghallmu li l-haxixa mhiex perikoluza; ghandha xi uzu fil-kura tal-mard; u tbeghdek minn drogi aktar perikoluzi. X'inhi l-verita xjentifika fuq din id-droga?

*Fit Storja*

Il-haxixa jew Marijuana hija l-eqdem droga perikoluza ghax kienet maghrufa mill-Assirjani 700 sena qabel Kristu u xterdet u saret popolari mad-dinja kollha specjalment fil-lvant nofsani. Illum bir-ragun kollu jsejhu t-tixrid u l-uzu ta' din id-droga bhala **epidemija** ghaliex huwa kkalkolat li madwar 200 miljun ruh qed juzaw il-haxixa fid-dinja. . . .

**BHANG HUWA PREPARAT**

**BHANG** huwa preparat mill-werac nexfin tal-pjanta mhux koltivata u jissajjar u jinxtorob bhat-te' fl-Indja u fl-Amerka. . . . **GANJA** huwa preparat iehor mill-werac u t-trufijiet tax-xitla koltivata u huwa qawwi daqs tlett darbiet aktar mill-**BHANG**. Inbaghad insibu preparat aktar qawwi maghruf bhala **HAXIX** li jintaghmel mir-resina li tohrog mit-trifuijiet tal-pjanta mkabbra u li huwa tlett darbiet aktar qawwi mill-**BHANG**. Jekk minn din ir-resina tnehhi s-sustanza attiva li jisimha **THC** ghal **Tetra-Hydro Cannabinol**, allura jkollok droga li tixbah l-**LSD** ghall-qawwa taghha.

Sar hafna studju kemm fuq bnedmin u kemm fuq annimali li ma jezisti ebda dubju fuq dawn il-veritajiet xjentifici.

1. **It-THC** jakkumula fil-mohh u fil-glandoli sesswali u f'tessuti imxahmin bhal ma jaghmel id-DDT.

2. Taghmel hsara lic-celluli u tnaqqas is-sustanza. **DNA** u **RNA** li huma essenzjali ghall-celluli normali.



Pjanta tal-haxixa misjuba f'Ghawdex.

3. Ic-celluli maghrufa bhala T-limfociti li huma marbutin mal-process naturali ta' difiza kontra linfezzjonijiet, jonqsu b'41 fil-mija.

4. Hafna celluli jkollhom difetti fin-numru ta' chromosomes, jigifieri flok in-numru normali ta' 46 ikollhom anqas.

5. Dr. Campbell fl-Ingilterra sab tibdil fil-mohh ta' zghazagh li kienu jpejpu l-cannabis li ordinarjament issibu f'nies li jkunu ghalqu s-70 sena.

6. Il-Professur Meath f'esperimenti fuq ix-xadini sab sinjali ta' hsara permanenti fil-mohh ta' dawk li kienu moghtija l-cannabis.

7. Fl-isfera sesswali gew rapportati minn xjenzati maghrufa bhal Kolondny, Hall, Leuchtenberger u Stenchever u Paton, diversi anormalitajiet bhal: nuqqas kbir ta' celluli fertilizzanti, impotenza, celluli anormali b'nuqqas ta' **DNA** u b'nuqqas ta' chromosomes, annimali jaghtu frieh mejta jew difettuzi.

8. Mard tal-pulmun bhal ma huma emfisema u kancer huma aktar komuni f'min juza l-cannabis.

9. Mard mentali — bhal ma huma l-paranoia u l-hekk imsejjha "amotivation syndrome" jew telfien tal-interess kollu tal-hajja — karriera, xoghol u familja.

*xi jghidu x-xjenzati*

Nikkwota tliet tobba li studjaw sewwa l-hsara wara l-uzu tal-cannabis.

**Dr. Olau J. Braenen** (1972): "Fl-opinjoni tieghi aktar ma jsir studju serju fuq il-haxixa, aktar wiehed jintebagh bil-perikoli li tista tikkaguna".

**Dr. Francis A. Davis** (1975): "Il-haxixa hija probabbli l-aktar droga perikoluza li l-Amerika qed thabbat wicca maghha".

**Dr. Maruev Pwelson** (1974): "Darba kont nahseb li hija minghajr hsara, llum nafu li hija wahda mill-aktar drogi perikoluzi . . . xi hadd qed jikkonsidra li jaghmilha legali. Dan huwa zball".

Is-Senatur James O. Eastland ta' Mississippi wara li studja r-rapporti tal-esperti kollha li studjaw l-uzu tal-haxixa wassal ghal dawn il-konkluzjonijiet:-

Jekk din l-epidemja tal-uzu tal-haxixa tixtered ser ikollna numru kbir ta' zaghzagh morda u minghajr ebda interess fil-hajja socjali u familjari — minbarra li hafna ser ibghatu bi hsara rreversabbli f'mohhom.

TKOMPLI PG. 20

**For once in your life you deserve the best**

A ROLLS ROYCE




FOR YOUR WEDDING

**John`s Garage Ltd.**

38 Villambrosa Str., HAMRUN Tel. 28745

# IL-LAQGHA TAL-EX MEMBRI TAL-KORP

GHAT-TIENI sena l-Assocjazzjoni tal-Pulizija hadet hsieb tlaqqa' l-ex membri tal-Korp tal-Pulizija f'Get-Together li sar fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija nhar il-Gimgha 28 ta' Dicembru, 1979.

Ghal dan il-ghan intbaghtu madwar 800 ittra lill-ex membri tal-Korp fejn gew mistiedna ghal din il-laqgha. Gara pero li mhux kullhadd ircieva stedina peress li ma kellniex l-indirizzi ta' kullhadd, madankollu ghamilna sejha ghal kull ex-membru tal-Korp permezz ta' avviz f'xi gurnali lokali.

F'diskors li ghamel il-Kummissarju tal-Pulizija, huwa fakkar lil dawk prezenti fiz-zmenijiet tal-imghoddi meta hadem ma xi whud minnhom. Huwa fisser li x-xoghol tal-Pulizija tal-lum huwa ferm differenti min dak tal-imghoddi.

Tkellem ukoll, waqt din il-laqgha, c-Chairman tal-Assocjazzjoni, s-Surgent Marshall u qal li s-sena li gejja l-membri tal-Korp tal-Pulizija se jibdew jibbenifikaw min fond tal-beneficcju f'kazijiet ta' xi mard jew xi disgrazzji. Huwa qal ukoll li s-sena d-diehla mistenni jkollna dak li dejjem xtaqu hafna membri u ex membri tal-Korp — post fejn dawn jistghu jiltaqghu fil-hin liberu taghhom — KLABB TAL-PULIZIJA.

Is-sena l-ohra fir-rapport dwar dan il-Get-Together, kien intqal li kien l-akbar attivita organizzata mill-Assocjazzjoni ghaz-zmien tal-festi, izda din is-sena ma nistghux nghidu l-istess ghaliex barra milli saru attivitajiet godda, din l-attivita naqqset xi ftit mill-popolarita taghha u l-attendenza kienet anqas min tas-sena ta' qabel. B'danakollu xorta wahda nistghu nghidu li kienet serata sabiha u j'alla tibqa ssir kull sena.



Il-Kummissarju mdawwar b'ex-membri tal-Korp.

---

Sur Editur,

Nitolbok tippermettili ftit spazju fil-Magazine 'Il-Pulizija, sabiex nuri l-apprezzament tieghi ghall-Get Together li gie organizzat fil-*Pot of Gold*, il-Mellieha mill-Pulizija stazzjonati l-Mellieha u fejn gew mistiedna wkoll l-ex membri tal-Korp Melliehin kif ukoll in-nisa taghhom.

Verament haqqu prosit min gietu l-ideja u organizza dan il-Get Together. Wiehed jispera li dan jigi kkupjat minn distretti ohra biex b'hekk wiehed jiftakar f'dawk li spiccaw mill-Korp u dawn isiru jafu l-membri godda tal-Korp. Laqghat ta' din ix-xorta jistghu jkunu ta' hafna gid kemm ghall-individwu kif ukoll ghal-Korp innifsu.

L. Muscat
Surgent Maggur



Zewg ex-Kuntistabblijiet jizfnu waqt il-laqgha.

PHARAOH'S DEN
niightclub

For your evening entertainment go to the Pharaoh's Den Malta's top Oriental Nightclub

Latest Records, Entrance Free.
Open every day except Monday,
from 8.30 p.m. till 2 a.m.

SALINA BAY HOTEL
Tel: 573781/2/3



**Galdes & Mamo Ltd.**

173, Old Bakery Street, Valetta
Tel: 625161 - 620513

*General Agents for Malta*
for

**ROYAL INSURANCE**

(incorporating the London & Lancashire Co. Ltd.)

*undertake all classes of Insurance including:*

●Fire ●Burglary ●Motor
●Employers' Liability ●Yacht & Pleasure Craft ●Plate Glass ●Travel ●Marine ●Personal Accident ●Public Liability ● Householder/Houseowner Comprehensive

# AHBARIJIET INTERNAZZJONALI

*Stati Uniti tal-Amerika*

Fl-ewwel sitt xhur tas-sena 1979, 56 membru tal-Pulizija gew maqtula waqt il-qadi ta' dmirijiethom. Dan in-numru huwa ta' 17 fil-mija aktar mis-sena ta' qabel.

Bejn Lulju u Settembru tal-1979, hamsa u tletin ufficjal tal-Pulizija tilfu hajjithom waqt il-qadi ta' dmiriethom. Id-Direttur tal-F.B.I., William H. Webster meta kien jaghti dan it-tgharif qal li ghalkemm wiehed bi pjacir jinnota li n-numru ma zdiedx fl-ewwel tlett xhur tas-sena, izda n-numru ta' pulizija maqtula xorta baqa' gholi u huwa mehtieg li jsir aktar stharrig bl-iskop li jigi protett il-pulizija.

52 mill 56 pulizija maqtula gew maqtula b'armi tan-nar fosthom 'handguns' li intuzaw f'35 kaz.

*Turkija*

Semsettin, prigunier fis-Centrtal Anatolian Province of Kayseri, illum jista jghid li huwa prigunier f'daru meta xtara l-habs bil-prezz ta' 15,000 dollaru. Wara s-sentenza ta' 18 il-xahar habs, Semsettin mistenni jbiddel il-habs f'post fejn isir iz-zalxett.

*Kanada*

Avukatessa f'Toronto dan l-ahhar qalet li l-prostituti jistghu jnaqqsu hafna nkwiet ghalihom infushom, ghall-klijenti taghhom u ghannisa b'mod generali jekk jilbsu uniformi. Hija qalet dan waqt li kienet titkellem f'konferenza dwar l-istupri, prostituzzjoni u l-kodici kriminali li hafna nisa jilmentaw dwar fastidju minn irgiel. Dan kollu jista jigi eliminat jekk jintuzaw uniformijiet mill-prostituti.

Jekk il-prostituti ma jinhbewx u jittrasvestu ruhhom ta' nisa komuni l-problema tal-fastidju tinqata malajr, bl-uzu ta' uniformi.

Germanja

Il-Gvern tal-Germanja tal-punent mistenni jressaq abbozz ta' ligi fejn mistennija jizdiedu l-pieni ghal dawk li jittraffikaw in-narkotici. Hu mistenni li l-pieni ghal dawk li jbieghu l-heroina jkunu ta' bejn l-10 u 15 il-sena. Hu mistenni wkoll li jonqsu l-pieni ghal dawk li jinstabu fil-pussess tad-drogi li jkunu ghall-uzu taghhom. Fil-Germanja tal-punent huwa kkalkulat li hemm madwar 100,000 'drug addicts' u n-numru ta' mwiet kagun tal-heroina is-sena l-ohra kien ta' 600.

*Irlanda*

Waqt partita football f'Belfast, pulizija gie maqtul f'attakk terroristiku mill-Armata Repubblikana Irlandiza.

Il-vittma kien flimkien ma' ghadd ta' pulizija ohra madwar il-pitch fejn kienet qed tintlab il-partita bejn il-Crusaders u l-Portadown.

Meta kien ghad jonqos madwar seba' minuti ghat-tmiem tal-partita, ragel armat resaq vicin il-vittma u sparalu. Il-qattiel irnexxielu jahrab fil-kunfuzjoni li nqalghet wara li spara.

*Italja*

Aktar pulizjia maqtula fl-Italja. F'Milan tlett pulizija gew maqtula fil-karozza waqt li kienu patrol. F'hin minnhom il-pulizija waqfu peress li karozza ohra kienet wieqfa taht bridge fejn kien hemm xi nies li taparsi kienu jirrangaw il-karozza wieqfa. Malli l-pulizija resqu lejhom, dawn sparaw ghal fuqhom. L-Armata l-Hamra hadet responsabbilta ghal dan l-attakk terroristiku.

*Turkija*

Skond statistika Torka, 9,192 ruh mietu f'incidenti tat-traffiku fl-1979. Aktar minn 55,000 ruh korrew f'madwar 80,000 incidenti tat-traffiku fil-highways.

*Gibiltà*

Fl-okkazjoni tal-150 anniversarju tal-Korp tal-Pulizija ta' Gibiltà hareg sett ta' erba' bolol bit-tema "Il-Pulizija". Il-Korp tal-Pulizija ta' Gibiltà twaqqaf fl-1830 wara proklama tal-Log. Gvernatur, General George Don.

Il-bolol gew iddisinjati min Clive Abbot.












# AUSTRALIA'S POLICE FORCES

## Australia's police forces




EACH of Australia's six States, its Northern Territory and the Australian Capital Territory (ACT), has its own police force.

As well, based in the Nation's Capital, Canberra, ACT, is the Commonwealth (Federal) Police Force whose special duties include protection of political leaders and other VIPs. In most cases the State and Territory police handle the crime in their area, but there are pieces of Federal territory all around Australia, such as airports, and these are the province of the Commonwealth Police. However, there is flexibility. Like all the separate Australian police forces, the Commonwealth Police assist their colleagues where necessary.

With wide ranges in population densities, Australia offers policemen beats which can range from a few streets in a densely-populated area like Kings Cross, Sydney, to almost 4,000 square miles, in the Northern Territory and in the north of Western Australia.

In Australia, the commissioner, or chief of police, in each State and Territory is usually chosen from senior police ranks by State legislators. He is responsible directly to a Cabinet Minister. A police commissioner retains his non-political position even if a government changes. He then becomes responsible to the new administration.

**Commonwealth (Federal) Police Force**

The executive officers of the force — the Commissioner and three Assistant Commissioners (of Crime, Crime Intelligence and Operations) are members of the Federal Public Service. The remaining personnel are employed under the Commonwealth Police Act, 1957. On June 30, 1977, the force totalled 1,505.

The Plainclothes Branch of the force investigates breaches of Federal law. It also helps provide security for the Governor-General and the Prime Minister and is responsible for the security of foreign VIPs while they are visiting Australia.

With specialisation so essential in modern police work, organisations in the Commonwealth Police Force include: Australia Crime Intelligence Centre; Australian National Central Bureau (liaising with Interpol); Central Information Bureau; Currency Squad; Companies Squad; Document Examination Bureau; Firearms Safety Testing Section; and Neutron Activation Analysis Section (located at the Australian Atomic Energy Commission, near Sydney).

The Neutron Activation Analysis Section, with expertise in various analytical fields, handles cases for State police, the Federal Narcotics Bureau, State health departments and hospitals. It carries out analyses of distilled liquor and morphine-based drugs for the Federal Department of Business and Consumer Affairs.

The Currency Squad works closely with overseas and Australian State law-enforcement agencies. Among the squad's visitors in the year was a United States Secret Service special agent who gave evidence against a man in Brisbane, Queensland, charged with forging US$100 and US$20 bills. Other visitors including two of Scotland Yard's Counterfeit Division when forged British banknotes were discovered in Sydney.

of the Operations Branch were positioned to protect 66 visiting dignitaries. Their most extensive operation was for the Silver Jubilee visit of Queen Elizabeth. Within this branch is a counter-terrorist section.

The Plainclothes Branch of the force investigated in the year 25,440 cases of general crime ranging from breaches of the Wireless Telegraphy Act to hard drug offences, from tampering with the Electoral Act to aircraft bomb threats.

The force acts as a national agency for the collection, collation and dissemination of Criminal Intelligence. Resources of the Australia Crime Intelligence Centre are used extensively for preparing threat assessment on prominent Australians and VIPs from other countries. The centre is the focal point for intelligence



Victoria Police
Mounted Policewomen.

on illicit drug trafficking and provides Australian statistics for bodies like the U.N. Economic and Social Council and Interpol. During 1976, 85 per cent of all Australian drug charges involved marihuana — there had been a 29 per cent increase in heroin offences compared with 1975.

**New South Wales Police Force**

Under its Commissioner, the New South Wales (NSW) Police Force has about 9,100 members. It is responsible directly to the State's Premier. The force serves about 4,800,000 people. The force's functions have been defined as "prevention of crime, detection of and capturing offenders, protection of life and property, preservation of good order and control of traffic".

The Sydney Metropolitan Police Area comprises 10 police districts with a superintendent in charge of each. A district is made up of a number of divisions, controlled by inspectors. There are 36 of these divisions in Sydney. There are two special divisions — No. 20, at Police Headquarters, and No. 21 Special Squad which comes under the control of the Criminal Investigation Branch (CIB) and is sometimes used for operations against gangs of known criminals.

The rest of the state is divided into nine districts with a superintendent in charge of each. There are 34 divisions, each headed by an inspector.

The force also has various special branches such as the CIB liquor and gaming, firearms and inquiries, transport, communications, women police, scientific branch, prosecutions, ballistics, security, gold stealing, police lecturing, public relations and crime prevention branch, water police, mounted police, underwater recovery unit and an air sea rescue intelligence co-ordination centre.

**Tasmanian Police Force**

The Tasmanian Police Force has about 1,033 members, 38 of them women. The State has about 405,000 people. The force includes a deputy commissioner and two assistant commissioners (one is in charge of logistics, one of operations). These top positions are in essence Public Service appointments and, in October 1977, were filled by former police officers with long experience.

Chief Superintendent is the highest rank for a serving (uniformed) police officer. His main functions cover discipline and welfare matters, but he often acts, as an Ombudsman (adjudicator). Each police district has a superintendent in charge, with a subordinate structure of inspectors in charge of special sections (such as; the Information Bureau, communications, search and rescue, etc.). Inspectors also are in charge at strategic geographical locations throughut the State which is divided into 12 main police divisions.

The force's transport (cars and motor cycles) are the most modern available. The cycles include many trail-bike types and many vehicles are four-wheel drives. These are used mainly in the island's rough and mountainous areas — some of Australia's most difficult — for search and rescue operations.

The State's territorial ruggedness demands and has a first rate police communications system plus the best in search and rescue equipment. There are about 20 police base radio stations. The force also has 14 coastal high-speed small craft and a larger deep-sea rescue vessel, the Vigilant, with a range of 800 miles. Crewed by three or four, the vessel can carry 24 people on rescue missions.

For land rescue work in the mountains, police experts are often helped by special parties of civilian climbers and walkers. They use a fully equipped mobile communications base.

The force's Diving Squad is in continual demand, the work ranging from shipwrecks to finding bodies, discarded weapons or the proceeds of robberies. All divers are volunteers and receive no special rewards for service.





Motor cyclist on duty in Brisbane/Queensland Traffic crew.

To be Continued.

The subtle yet distinctive taste of success.




# ROADHOUSE BUSKETT

## PROUDLY PRESENTS NIGHTLY ENTERTAINMENT




International Vocal Duo

- Our Local Folklore Group
- Barley Corn Folk Group
- Resident Band Aquarius

For reservations phone 674233-626542

# ID-DINNER DANCE TAS-26 TA' DIĊEMBRU, 1979.

FUQ decizjoni tal-Kumitat, is-sena li ghaddiet gie organizzat Dinner Dance minflok is-soltu ballu. Bhas-soltu, kien hemm min ha pjacir b'din id-decizjoni u kien hemm ohrajn li ma hadux. Minn naha tal-Kumitat, dan sar b'esperiment u nistghu nghidu li rnexxa.

Ghall-ewwel darba, ghamilna stedina lill-ex membri tal-Korp u dan ghamilnieh fuq talba taghhom. Il-membri tal-Korp setghu wkoll igibu l-hbieb taghhom. Dan ukoll ghamilnieh fuq talba ta' hafna membri tal-Korp. Bi pjacir nghidu li f'qasir zmien gbarna n-numru mehtieg u kieku l-post ippermetta kien ikollna aktar.

Fost in-nies mistiedna kellna zewg Ministri, l-Onor. Dr. Ph. Muscat, Ministru tal-Edukazzjoni u l-Onor. Dr. J. Brincat, Ministru tal-Gustizzja. Dawn dehru li hadu pjacir fil-kumpanija taghna daqs kemm ahna hadna bil-kumpanija taghhom ghaliex verament komplew maghna. Il-Ministru Brincat ghall-aktar min darba fahhar il-Pulizija u l-Korp u dak in-nhar ta lill-Assocjazzjoni l-akbar ferha tas-sena meta gharrafna li kien bi hsiebu jaghtina post fil-Belt bhalaPolice Club. Ma din il-ferha zdiedet ohra meta l-Ministru Muscat weghdna li fis-sajf li gej grupp ta' erbghin tifel tal-pulizija jistghu jmorru ghal btala ta' gimgha f'Tunez.

Ghad-Dinner Dance, fl-ahhar mumenti, irnexxielna wkoll ingibu l-Alison White Dancers li taw pjacir lil dawk li kienu prezenti. Minhabba lis-spejjez ta' dan ix-show kellna naghmlu raffle b'affarijiet gentilment moghtija lilna mid-ditti Wrangler, Simonds Farsons Cisk u l-E.C.B. tal-Blata l-Bajda. Niehdu l-okkazjoni biex nirringrazzjaw lil dawn id-ditti.

Il-kummenti wara dan id-dinner dance kienu tajbin u nkoragganti u kienu hafna dawk li qalulna biex attivita bhal din tigi organizzata darbtejn jew aktar matul is-sena mhux ghal zmien il-Milied biss.



L-Onor. Dr. Ph. Muscat flimkien ma l-Onor. Dr. J. Brincat u l-Kummissarju tal-Pulizija jindirizzaw lil dawk prezenti.



A & V von BROCKDORFF LIMITED

14, Zachary Street, Valletta, Malta.

TRAVEL - TOUR OPERATORS - INSURANCE - SHIPPING & FORWARDING

Telephones 624312 / 621167 -

**Your best choice for travel...**

AMERICAN EXPRESS **Travel Service** ®

**Party time, anytime . . .**

Everything's better when you put it on a

**RITZ**

CHARLES DARMANIN & CO. LTD.
Tel: 624310



# Dwar l-Imghoddi

FIL-HARGA ta' Dicembru, taht dan it-titlu, ntqal xi haga dwar ir-Regolamenti tat-tramm li kien wiehed mill-mezz ta' trasport f'pajjizna u f'din il-harga se nghidu xi haga dwar ir-regolamenti tat-traffiku jew ahjar l-ewwel regolamenti ta' vetturi bil-mutur.

L-ewwel regolamenti tal-vetturi bil-mutur li niltaqghu maghhom jitrattaw dwar toroq fil-Belt Valletta mnejn ma setghux jigu misjuqa dawn il-vetturi. F'Mejju tal-1908 f'avviz tal-Pulizija li deher fil-gazzetta tal-Gvern dehru l-ewwel regolamenti li jittrattaw fuq sewqan ecc. kif se jinghad hawn taht.

f'dawn ir-regolamenti insibu li anke f'dak iz-zmien, jigifieri fl-1908 biex vettura tidhol il-Belt ried tabilfors ikollha licenza specjali mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija. Barra minn dan, dawk il-vetturi li kienu jigu misjuqa matul Strada Repubblika bejn Strada Mezzodi u Archbishop Street ried ikollhom licenza specjali, din id-darba mis-Suprintendent tal-Belt.

Il-karozzi li kienu jithallew jidhlu l-Belt ma setghux ikunu ta' aktar minn 6 piedi wisa'.

Dwar is-sewqan, dawn ir-regola menti jghidu li dan ma setghax ikun aktar minn dak ta' ziemel misjuq bit-trot moderat. Kien hemm ukoll certi toroq fejn l-ebda vettura ma setghat tieqaf hlief biex itella' jew tnizzel il-passiggieri.

Insibu wkoll f'dawn ir-regolamenti li l-ebda vettura ma kellha tigi misjuqa fejn kien ikun hemm migbura numru kbir ta' nies u s-sewwieq kellu jobdi, mill-ewwel, l-ordnijiet moghtija lilu mill-Pulizija. Dan ir-regolament ghadu in vigore sal-lum u japplika mhux biss ghas-sewwieqa fil-Belt, izda ghal kullimkien.

# Mill-Imghoddi

KIF illum sar maghruf, kien hemm tibdil fl-ghamla tal-licenza tal-vetturi fejn gew introdotti kuluri godda. Dan it-tibdil geghlni nohrog dan ir-ritratt fejn tidher licenza tal-vettura tal-1932 u li tidher fuq il-'windscreen'. Dan ir-ritratt ittiehed bla dubju ll-1932 u ghal darb'ohra jidher il-Kuntistabbli Borg (xellug) li ltqajna mieghu f'ritratt mehud fl-isptar ta' l-Imtarfa. Ir-ritratt mehud ix-xatt tal-Belt u fih naraw dawk it-tlett itfal li ma tilfux l-okkazjoni rari, dak iz-zmien, li joqghodu ghar-ritratt.



# DOMINE DIRIGE NOS

**RIFLESSJONI GHAL KULL XAHAR**

Min Hu Kristu Għalija?
Huwa dak li ġej minn Alla,
li jaf lill-missier
Biex igħallimni nasal
għandu.

# MUTUAL HELP ASSOCIATION

Il-kontribuzzjoni tal-Mutual Help Association kienu ghall-imsemmija ex-membri tal-Korp li hallew din id-dinja dan l-ahhar:



Ex-Surgent Nru. 214
Michael Mangion



Ex-Surgent Nru. 74
Anthony Cassar

# PROTECT AGAINST FIRE AND BURGLARY WITH A CHUBB SAFE

The famous firm of Chubb have manufactured this safe especially for the smaller office or business. The Chubb Commerce Quality Safe resists burglars and fire too. It offers strong protection against attack by explosives and drill, and is competely surrounded by Chubb fire-resisting material, tested and approved by independent authorities. For a reasonable price the security of a Chubb Safe can be yours. Come and see the Chubb Commerce Quality Safe.

(Possibly a Chubb Wall Safe will serve your needs. Why not come and see that too?)




## PHILIP TOLEDO LTD

NOTABILE ROAD
MRIEHEL – MALTA
TELEPHONE: 44747–45566
CABLES: MEDIA–MALTA

Please send me your Free details about Chubb Safes

Name ______________________

Address ______________________

______________________



# JOSEPH F. SPITERI & CO. (1927) LTD.

## Merchants & Agents — Engineers & Contractors

**120—122, MARINA STREET, PIETA — Telephone: 626670**

OFFER THE FOLLOWING SERVICES:—

**ROOF WATERPROOFING** Incorporating **EVODE** Weatherproofing system of cold applied bituminous paste with reinforcing membrane for the effective waterproofing of new constructions and roof structures of all types. Permanent plus a FIVE YEAR FREE MAINTENANCE GUARANTEE.

**TUBULAR CONSTRUCTION** Employing the **KEE KLAMP** Tubular Steel jointing system. Tubes and Kee Klamps are galvanised throughout and range from $\frac{3}{8}$" to 2". Tubular assemblies such as Towers, Pedestrian Guard Rails, Racking and Storage facilities, Fences, Grand Stands, etc. and other specialised structures are designed and erected to customers' requirements.

*We also HIRE 'Kee Klamp' jointed Scaffolding.*




**NGHALLMU LIT-TFAL —**
***Mehuda mill-Kodici dwar it-Traffiku fit-triq***

# TFAL

KIF forsi diga' smajtu minn din is-sena t-testijiet biex wiehed jikseb licenza tas-sewqan, bdew isiru f'zewg taqsimiet, jigifieri test dwar ir-regolamenti tat-traffiku u iehor dwar sewqan fit-triq.

L-ewwel parti ta' dan it-test qed isir minn fuq il-Kodici Dwar it-traffiku li ahna ta' kull xahar qed nipubblikaw u nispjegaw parti minnhu.

F'din il-harga se nghidu xi haga dwar il-*waqfien* u *ipparkjar* u nibdew biex l-ewwel net nghidu xi jfissru. Karozza meqjusa li giet ipparkjata meta bhux biss waqfet, izda meta x-xufier hareg minnha. Jekk il-karozza waqfet biss u x-xufier baqa' go fiha jew hareg mill-karozza xi hadd iehor u mhux ix-xufier, allura dak jissejjah **waqfien.**

Ma ghandekx tipparkja u lanqas thalli l-vettura tieghek wieqfa

1. fejn mhux permess l-ipparkjar. (Dan nispjegawh aktar l-isfel).
2. go jew hdejn ghaqda ta' toroq, lilwa, l-quccata ta' gholja jew pont imhatteb.
3. fuq bankina.
4. Hdejn post ta' qsim ghal pedestrians.
5. Fi triq principali jew fi triq li jkun fiha traffiku mghaggel, jekk dak l-ipparkjar jew waqfien jaffettwa l-mixi hieles tat-traffiku.
6. Faccata jew kwazi faccata ta' vettura ohra wieqfa, post ta' refugju f'nofs it-triq jew xkiel iehor.
7. Ma' genb vettura wieqfa.
8. F'Bus Stop jew ma' genbu, hdejn skola jew hdejn dahla ta' sptar, jew fejn tista' tahbi sinjal tat-traffiku.
9. Fuq in-naha l-hazina ta' triq mhix imdawla sewwa bil-lejl.
10. Bil-fanali kbar ta' quddiem mixghulin bil-lejl.
11. Quddiem bieb ta' garage.
12. F'pozizzjoni tali li tfixkel vetturi ohra ipprakjati.
13. Parallella max-xifer tal-bankina f'post ta' l-ipparkjar jekk il-vettura tieghek hija mutur.

**Fejn hu pprojbit l-ipparkjar?**

Kif ghidna kemm il-darba barra mill-Kodici Dwar it-Traffiku fit-Triq, hemm ir-Regolamenti tat-Traffiku u skond l-artiklu 66

1. Hadd ma jista jipparkja f'distanza ta' 4 metri jew anqas minn kantuniera jew liewja.
2. F'distanza ta' 12 il-metru jew anqas minn kull naha ta' 'Bus Stop' jew 'Fare Stage'.
3. Madwar 'roundabout' tat-traffiku.
4. Fuq jew f'distanza ta' 4 metri jew anqas ta' 'Pedestrian Crossing' minn naha ta' mnejn ikun gej it-traffiku.

Insibu wkoll f'dawn ir-regolamenti li l-muturi ma ghandhomx jigu pparkjati 'parallel' tal-bankina, izda f'angolu mal-bankina ta' mhux anqas minn 45 grad.

Vettura ma tistax tigi pparkjata b'mod li tohloq ingombru kemm ghall-vetturi ohra kif ukoll ghall-pubbliku.

## TKOMPLI MAL-HARGA TA' QABEL.

### MARKI TAL-KARREGGJATA

#### I LINJI LONGITUDINALI



MARKA BAJDA KONTINWA (LINJA TAN-NOFS)



DOPPJA MARKA BAJDA KONTINWA



LINJA BAJDA MIKSURA (LINJA TAL-KARREGGJATA





LINJA KONTINWA FLIMKIEN MA' LINJA MIKSURA



LIMITI TAL-KARREGGJATA LINJA (SAFRA)

#### II LINJI TRASVERSALI



LINJA FEJN TIEQAF



POST TA' QSIM GHAL PEDESTRIANS

## IS YOUR FIRE PROTECTION ADEQUATE?

Consult

**ST. PAUL FIRE and MARINE**
INSURANCE COMPANY

*Serving you around the world... around the clock*

(Established 1853)

General Agents for Malta:
***WILLIAM J. ENGLAND & SON LTD.***
127, OLD THEATRE STREET
VALLETTA — Tel. 25382 — 25355

## Diplomat Insurance and Estate Agency Ltd

***DISCOUNTS of***
**10% + 10% + 60% allowed**
***(when applicable)***
ALSO
**20% Introductory Discount**
***(when applicable)***

APPLY:
127 OLD THEATRE STREET, VALLETTA
Tel: 25382 — 25313

BBB

## BORG BARTHET BROTHERS LTD.

**St. Luke's Rd.,**
**G'Mangia MALTA**
**Tel: 620929, 28735**
Cables: Bubbles Telex MW 355 Valmor

*Agents for:*

Sayer Lack Varnishes
Skil Power Tools
Mandelli Ornamental Handles
Luxatrack Curtain Rails
Klebofix Glues
Keso Electronic Locks
Major Firms supplying Furniture
Krebs Swiss Precision Spray Guns
Louvres made to measure
Lamital Laminated Plastics
Spares for Power Tools in stock
Howard Richard Aluminium Shelving
*Etc... Etc... Etc...*




## BASKETBALL

SORPRIZA MILL-PULIZIJA... hekk qaghlu l-gazzetti wara r-rebha minima ta' 46—44 li t-team taghna tal-Basketball kellu fuq it-team tal-Aloysian Scholl fil-loghba tan-Knock-Out nhar il-5 ta' Jannar 1980. Fil-fatt, din kienet rebha mportanti ghat-team taghna li peress li jinsab fit-Tielet Divizjoni ma tantx inghata cans kontra avversarji aktar ikkwotati li jinsabu fit-Tieni Divizjoni. Huwa rapurtat li ghal din il-loghba, l-Aloysian Scholl kellhom lura fit-team diversi players regulari li kienu nieqsa fil-loghbiet tal-league u kienu favoriti li jeliminaw lit-team taghna.

Il-loghba kienet wahda ferm kumbattuta u l-puntegg varja minn-team ghall-iehor sakemm fl-ahhar, kien differenza ta' basket wiehed li ddieceda l-loghba favur it-team taghna li b'hekk, elimina minn din il-kompetizzjoni, team tas-Second Division.

It-team taghna zamm tajjeb dan il-pass meta, nhar il-Hadd, 13 ta' Jannar, 1980 rebah ukoll lit-team tal-Floriana B.C. f'loghba tal-league tat-tielet divizzjoni bil-puntegg ta' 50—44.

Din ukoll kienet loghba ferm kumbattuta. It-team taghna beda tajjeb meta tellgha 12 il-punt skurjati minn Peter Micallef. Il-Floriana pero irritaljaw u ppareggjaw u anke, sa tmiem l-ewwel sessjoni, gabu l-iskor jaqra 27—24 favur taghhom. Fit-tieni sezzjoni, il-players taghna tejjbu l-loghob taghhom u mhux biss gabu d-distakk izda wkoll ziedu fil-punti biex finalment irbahna bil-puntegg ta' 50—44.

B'din ir-rebha, it-team taghna telgha fl-ewwel post tal-klassifika (ghalkemm b'loghba zejda) u jidher li t-team taghna ghandu jkun wiehed mill-erba' teams li ser jikkontestaw it-tieni fazi tal-kampjonat, li fih jigi deciz min jirbah il-league tat-Tielet Divizjoni u l-promozzjoni ghat-tieni. Prosit lill-players kollha ghal dan l-isforz li huwa ta' sodisfazzjon meta tqies id-diffikultajiet li jkollna.



l-"b" team
Bil-wieqfa: Insp. Debattista, L. Buttigieg, L. Mallia, J. Mallia, R. Bonnici, F. Micallef, E. Pisani, M. Farrugia, F. Zammit, L. Mintoff (Coach)
Kokka: J. Mangion, G. Micallef, A. Cassar, J. Scerri, N. Fabri, Insp. Cauchi, L. Borg.

## FOOTBALL

IL-PLAYERS tal-Football ukoll kienu jinsabu fl-aqwa tal-preparazzjoni meta kont qed nipprepara dan l-artiklu fil-bidu ta' Jannar. Minbarra s-sezzjonijiet ta' tahrig taht il-Coach Lolly Debattista, it-team taghna laghab ukoll xi loghbiet ta' hbiberija li kienu dawn:-

30/11/79 rebha ta' 2—0 kontra l-Agrikolutra (skorjaw Bartolo u J. Azzopardi).
20/12/79 draw ta' 0—0 kontra Selezzjoni tal-Lukandi li ntlaghbet fl-Istadium qabel il-Xmas Cup Final tal-Lukandi.
28/12/79 draw ta' 1—1 kontra l-Posta (skorja P. Spiteri).
11/1/80 rebha ta' 1—0 kontra l-Hilton (skorja J. Azzopardi).

Dan iffisser li qabel ma t-team taghna messu jilghab l-ewwel loghba tal-league, laghbna 8 partiti ta' hbiberija li minnhom irbahna 4, gejna 3 draw u tlifna 1. Skurjajna 13 il-goal u qlajna 4.

Intant, it-team taghna kellu jibda l-impenji tieghu fil-League tad-Dipartimenti tal-Gvern u Korpi Para-statali, nhar il-Hamis, 17 ta' Jannar kontra t-team tas-Central Bank. Qabel dan, il-"B" Team taghna kellu jibda b'loghba kontra t-team tal-Interprint nhar it-Tlieta, 15/1/80.

Ghall-informazzjoni tal-qarrejja taghna, dawn huma l-fixtures tal-league ghaz-zewg teams taghna:-

**A" Team**

17/1/80 kontra Central Bank fil-ground ta' Manoel Island
31/1/80 kontra Medserv fil-ground ta' Manoel Island.
14/2/80 kontra P.W.D. Apprendisti fil-ground ta' Manoel Island.
21/2/80 kontra Dwana/Finanzi fil-ground ta' Manoel Island.
6/3/80 kontra Enemalta B fil-ground ta' Manoel Island.
20/3/80 kontra P.W.D. South District fil-ground ta' Manoel Island.
10/4/80 kontra Mid-Med Bank fil-ground tal-Marsa.

**"B" Team**

15/1/80 kontra l-Interprint fil-ground tal-Marsa.
29/1/80 kontra l-Hydraulic Unit fil-ground ta' Kordin.
12/2/80 kontra l-Posta fil-ground tal-Marsa.
26/2/80 kontra E.M.W.D. Kirkop fil-ground ta' Kordin.
4/3/80 kontra Drydocks fil-ground tal-Marsa.
18/3/80 kontra Telemalta Cosmos fil-ground tal-Marsa.
8/4/80 kontra Kastilja United fil-ground tal-Marsa.

Il-loghbiet kollha jibdew fit3.30

Meta taslilkhom harga ohra, it-teams taghna jkunu laghbu numru ta' loghbiet. Ghalhekk ikolli cans naghtikhom tgharif dwar il-loghbiet li jkunu ntlghabu u anke ritratti.

Nittamaw li hafna mill-membri taghna jigu ghal dan il-loghob kif ukoll ghall-loghbiet ta' hbiberija li jkollhom it-teams taghna biex b'hekk jghatu nkoraggiment lill players shabhom.

*Nota*

Peress li l-attivitajiet sportivi tal-Korp huma bhalissa ristretti ghal football u Basketball, ta' bil-fors ikolli nikkommenta fuq dawn iz-zewg sports. F'hargiet ohra nittama li nkun nista nitkellem fuq sport iehor li fil-passat kienu jiehdu parti fih l-anzjani taghna.



L-"A" team tal-Pulizija (22.12.79)

Bil-wieqfa: S. Cosby, M. Ellul, L. Mallia, F. Zammit, J. Desira, M. Mallia, G. Borg (R.I.P.) Mr. L. Debattista (coach) Insp. A. Debattista, (Sports Officer)
Kokka: J. Stivala, T. Dimech, C. Bugeja, C. Grech, J. Azzopardi, A. Azzopardi, J. Borg.

## TKOMPLI MINN PG.5

Miljuni ta' zghazagh fl-iskejjel ser ikunu difettuzi mentalment jew fizikament, minhabba deficjenza fl-ormoni jew minhabba celluli difettuzi — zghazagh li ser jixjiehu qabel il-waqt u perikoli ta' tfal li jitwieldu mmankati".

*Vjolenza u Vandalizmu*

M'hemmx dubju li l-uzu tal-marijuana fost iz-zaghzagh iwassal ghal nuqqas serju ta' kontroll u jwitti t-triq ghall-vjolenza u vandalizmu. Ic-Chairman tal-Kumitat, is-Senatur Birch Bargh, wara rapporti fuq 757 skola — kemm primarji u sekondarji — wasal ghall-konkluzjonijiet imsemmija:-

**1.** Dwar 40 fil-mija tal-istudenti fi skejjel sekondarju fl-U.S.A. iharsu lejn il-haxixa bhala parti integrali minn hajjithom.

**2.** F'sena saru 70,000 assalti serji fizici fuq l-ghalliema mill-istudenti.

**3.** Assalti fuq studenti ohra jiskorru aktar minn 100,000.

**4.** Mitt student maqtula fl-iskejjel fis-sena 1973.

**5.** 250 arma konfiskati minn skola wahda.

**6.** Traffikar ta' drogi u prostituzzjoni.

Tlett snin wara dan ir-rapport l-assalti zdiedu b'77.4% fuq l-ghalliema u 85.3% fuq l-istudenti; serq zdied b'36.7%; qtil zdied bi 18.5%; attakki ohra sesswali zdiedu b'40.1% u n-numru ta' armi konfiskati b'54.4%.

*Effetti tal-Haxixa.*

Il-haxixa u l-ingredjenti attivi taghha, (ghaliex illum it-THC qed jigi maghmul ukoll sintetikament — jigifieri maghmul f'laboratorji illeciti permezz ta' sustanzi kimici) jipproducu f'min jehoda stat ta' min ikun qed johlom, fejn il-hsibijiet jidhru minghajr kontroll u minghajr sens. Iz-zmien, il-kulur u l-ispazju jidhru aktar qawwija u wiehed jibda jithawwad meta jhares lejhom. Generalment ihossuhom aktar ferhanin u tajbin u certu ferh li ma istghux jispjegaw. Izda dawn l-effetti jiddependu hafna mill-post fejn ikunu u c-cirkostamzi ta' l-ambjent. Hafna jhossu wkoll biza tal-mewt, dwejjaq u jibdew jaraw certi affarijiet — dak li jissejhu allucinazzjonijiet. Mhux veru li din id-droga taghmlek tahseb ahjar u aktar intelligenti; ghal kuntrarju min jehodha aktarx jibda jhawwad u zgur jonqos il-kontroll fuq dak li nhossu. Meta tindara wiehed ihoss certu bzonn li jehoda, imma jekk jieqaf jehoda wara li jkun draha, ma jigrilu ebda hsara — ghalkemm forsi ma jkunx jista jorqod, jew ihossu ftit nervuz u xewqan li jkompli jehoda ghal ftit taz-zmien.

Ftit pariri kontra l-uzu ta' din id-droga perikoluza:

★ Ghalliema u studenti ghandhom jiddiskutu dan il-problema serju f'seminars apposta — ġenituri u specjalisti jigu mistiedna biex juru b'mod car u veru ghaliex wiehed ikun qed jirikorri ghad-drogi fil-hajja.

★ Naghtuhom xi ftit cifri veri. Fl-Amerika mhux anqas minn 5000 imutu minhabba d-drogi f'kull sena.

★ Sigmund Freud qal: "Bniedem normali jhobbu jahdem". Id-drogi jfixkluk zgur u ma jhallukx normali ghax kemm fix-xoghol u kemm fl-imhabba tizboxxla.

★ Kontroll ahjar kontra t-traffikar tad-drogi billi nikooperaw mal-Pulizija meta nkunu nafu bl-abbuzi.